PR191769

**22/08/2019**

# AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

Skont l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru. 178 tal-2002, id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika jixtieq jinforma lill-pubbliku li wara informazzjoni li rċieva permezz tas-Sistema Rapida tal-Ikel u l-Għalf, l-imsemmijin prodotti **m'għandhomx jiġu użati minħabba r-riskju ta' migrazzjoni ta' melamina mill-materjal li bih huma magħmulin dawn il-prodotti fl-ikel.**

**Deskrizzjoni tal-prodott:** Sett tal-ikel għat-tfal ta' 5 biċċiet (jikkonsisti minn furketta, kuċċarina, tazza, skutella u platt)
**Ditta:** Noukie's
**Numru tal-lott:** BB1910.78
**Numru tal-barcode:** 5413042047127
**Oriġini:** Ċina

Għal aktar informazzjoni, il-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq in-numru tat-telefon – 2133 7333 mit-8:00 ta' filgħodu sas-2:30 ta' waranofsinhar jew jibgħat email fuq **mhi@gov.mt**. Il-pubbliku jista' wkoll jirrikorri personalment fl-uffiċċju tal-istess direttorat li jinsab f'Continental Business Centre, Old Railway Track, Santa Venera. Il-pubbliku huwa ġentilment mitlub iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook **https://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626?ref=hl** jew is-sit uffiċjali fuq **https://deputyprimeminister.gov.mt/en/environmental/Pages/Home-Page.aspx** għal informazzjoni simili.






Coffret
repas
Eetsetje
Eco
friendly


BB1910.78/PCS
5 413042 047127